MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 270/2009

L-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera “Transpass B.V." illi hija registrata gewwa l-Olanda bin-numru 23076059.
vs
Advance Shipping Limited [c-18421]

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent *nomine* li bih espona:
**DIKJARAZZJONI**

L-imsemmi Dr. Simon Micallef Stafrace - fil-kwalita` minnu rivestita sovra indikata u kif johrog minn "Dok: X.1" ipprezentat mar-rikors - ikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li jafhom personalment:

1. Illi s-socjeta` attrici estera Transpass B. V. kienet giet ikkummisjonata sabiex tforni lis-socjeta` konvenuta diversi servizzi n-natura ta’ liema kienu servizzi ta’ konsultazzjoni

rigwardanti Taxxa Fuq Valur Mizjud (VAT) u dan hekk kif jevidenza "Dok: X.2" ipprezentat mar-rikors;

2. Illi s-socjeta` attrici debitament ezegwiet l-obbligi taghha u l-imsemmija servizzi gew debitament rezi minnha lis-socjeta` konvenuta, izda ghad fadal ic-cifra bilancjali fl-ammont ta' disa' u tletin elf, erba' mija, sitta u sebghin Ewro u sebghin Ewro centezmi (€39,476.70c) dovuti mis-socjeta` konvenuta lil dik attrici u dan hekk kif jixhed "Dok: X.3" ipprezentat mar-rikors;

3. Illi nonostante d-diversi interpellazzjonijiet maghmula da parti tas-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, dawn ta' l-ahhar baqghu passivi, inerti w inadempjenti u, addizzjonalment, nonostante wkoll illi, sa fejn jaf hu, bhala dik il-persuna in rapprezentanza ta' l-istess socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'tissolleva u x'taghti kontra t-talba attrici;

4. Illi l-indikat ammont jikkostitwixxi dejn li s-socjeta` konvenuta ghandha pendenti mas-socjeta` attrici u tali dejn hu wiehed cert, likwidu u dovut hekk kif jirrizulta wkoll mid-dikjarazzjoni guramentata annessa mar-rikors u immarkata bhala "Dok: X";

5. Illi ghalhekk is-socjeta` attrici kellha tiftah il-prezenti proceduri sabiex tezigi u tottjeni l-pagament ta' dan l-ammont hawn fuq indikat.

**<u>RAGUNI TAT-TALBA</u>**

1. Illi s-socjeta` attrici estera Transpass B. V. kienet giet ikkummissjonata sabiex tforni lis-socjeta` konvenuta diversi servizzi n-natura ta' liema kienu servizzi ta' konsultazzjoni rigwardanti Taxxa Fuq Valur Mizjud (VAT) u dan hekk kif jevidenza "Dok: X.2" ipprezentat mar-rikors;

2. Illi s-socjeta` attrici debitament ezegwiet l-obbligi taghha u l-imsemmija servizzi gew debitament rezi minnha lis-socjeta` konvenuta, izda ghad fadal ic-cifra bilancjali fl-ammont ta' disa' u tletin elf, erba' mija, sitta u sebghin Ewro u sebghin Ewro centezmi (€39,476.70c)

dovuti mis-socjeta` konvenuta lil dik attrici u dan hekk kif jixhed "Dok: X.3" ipprezentat mar-rikors;

3. Illi nonostante d-diversi interpellazzjonijiet maghmula da parti tas-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, dawn ta' l-ahhar baqghu passivi, inerti w inadempjenti u, addizzjonalment, nonostante wkoll illi, sa fejn jaf hu, bhala dik il-persuna in rapprezentanza ta' l-istess socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'tissolleva u x'taghti kontra t-talba attrici;

4. Illi l-indikat ammont jikkostitwixxi dejn li s-socjeta` konvenuta ghandha pendenti mas-socjeta` attrici u tali dejn hu wiehed cert, likwidu u dovut hekk kif jirrizulta wkoll mid-dikjarazzjoni guramentata annessa mar-rikors u immarkata bhala "Dok: X";

5. Illi ghalhekk rikors kellu jittiehed mis-socjeta` attrici permezz ta' l-odjerni proceduri.

**<u>TALBIET</u>**

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Fl-ewwel lok, tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) in vista tad-dikjarazzjoni guramentata annessa mar-rikors u immarkata bhala Dok X; u

2. Fit-tieni lok, tiddikjara lis-socjeta` konvenuta bhala debitrici versu s-socjeta` attrici fl-ammont ta' disa' u tletin elf, erba' mija, sitta u sebghin Ewro u sebghin Ewro centezmi (€39,476.70);

3. Fit-tielet lok, tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' disa' u tletin elf, erbgha mija, sitta u sebghin Ewro u sebghin Ewro centezmi (€39,476.70);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment mal-proceduri *de quo* kontra l-istess

socjeta` konvenuta, u bl-interessi kummercjali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-prezenti proceduri sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat illi s-socjeta` intimata debitament notifikata skond il-ligi ma deher hadd ghaliha fis-seduta tal-lum.

Xehed Dr. Simon Micallef Stafrace li ikkonferma li ma sar ebda hlas ta' l-ammont dovut minn meta gie prezentat ir-rikors guramentat.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti *nomine* jidhru gustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u procedura Civili, qed tilqa' l-istess talbiet tar-rikorrenti *nomine* u tiddikjara lis-socjeta` intimata bhala debitrici versu s-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' disa' u tletin elf, erba' mija, sitta u sebghin Ewro u sebghin Ewro centezmi (€39,476.70).

Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' disa' u tletin elf, erbgha mija, sitta u sebghin Ewro u sebghin Ewro centezmi (€39,476.70).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment mal-proceduri *de quo* kontra l-istess socjeta` konvenuta, u bl-interessi kummercjali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-prezenti proceduri sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------